MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**ID-DISA LEĠISLATURA**

Laqgħa Numru 24

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 22 ta' Jannar 2026, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fl-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Sindku

Xandru Mallia – Viċi Sindku

Ralph Puli – Kunsillier

Jurgen Abela – Kunsillier

Fiona Borg Lewis – Kunsilliera

Marvin Zammit – Kunsillier

Doris Zammit – Kunsilliera

Elke Cassar Sghendo – Kunsilliera

Alessio Decarlo – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Nicholai Falzon – Kunsillier

Daniel Ablett – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Robert Mizzi – Segretarju Eżekuttiv

## 24.1 Bidu tal- laqgħa

**Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, fetaħ il-laqgħa bit-talba tradizzjonali.

## 24.2 Preżentazzjoni ta' Ċertifikati

Il-laqgħa bdiet bil-preżentazzjoni ta' ċertifikati lil persuni li temmew il-kors imtella' fil-Kunsill Lokali Ħal Qormi, intitolat "Ejjew Nibnu Presepju".

**Is-Sindku**, **Dr Josef Masini Vento**, ippreżenta ċ-ċertifikati lil dawk preżenti u, filwaqt li ferah lill dawk li temmew il-kors, ikkummenta li l-Kunsill huwa impenjat li jorganizza avvenimenti simili fil-futur.

Is-Sindku wkoll esprima r-ringrazzjament tiegħu lil **Kunsilliera Doris Zammit** għall-ħidma tagħha fl-organizzazzjoni tal-kors f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Il-laqgħa kompliet bl-aġenda ċirkolata.

## 24.3 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

**Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, informa li Nicholai Falzon u d-Daniel Ablett, Kunsilliera, ma setgħux jattendu għas-seduta u għaldaqstant huma skużati. Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsilliera Fiona Borg Lewis kienet ser tasal tard minħabba impenji oħra.

## 24.4 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 23

**Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Numru 23, li kienu ċċirkolati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija għall-approvazzjoni.

Il-Minuti tat-23 laqgħa tal-Kunsill ġew approvati mis **Sindku Dr Josef Masini Vento** u sekondati mill **Vici Sindku Xandru Mallia.**

**24.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-Iskeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2025.

Il-Kunsillier **Ralph Puli** ippropona l-approvazzjoni tal-Iskeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier **Marvin Zammit** issekonda l-proposta.

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2025, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għall-istess xahar. Dawn id-dokumenti kienu wkoll iċċirkolati permezz tal-email flimkien mal-minuti tal-laqgħa preċedenti.

**24.6 Approvazzjoni - Regolamenti tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi dwar il-Ħmieġ tal-Klieb u l-Aċċess tal-Klieb fil-Ġonna Pubbliċi**,

Il-Kunsill iddiskuta u approva r-**Regolamenti tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi dwar il-Ħmieġ tal-Klieb u l-Aċċess tal-Klieb fil-Ġonna Pubbliċi**, li għandhom l-għan li jirregolaw l-aċċess tal-klieb fil-ġonna pubbliċi, l-obbligu li jinżammu marbuta u li jitneħħa l-ħmieġ, kif ukoll l-introduzzjoni ta' penali amministrattiva fissa ta' €150 f'każ ta' ksur.

Il-Kunsilliera **Elke Cassar Sghendo** irrimarkat li r-referenza għal persuni b'diżabilità għandha tkun aktar ċara, fis-sens li din għandha tirreferi għal persuni li huma rikonoxxuti uffiċjalment bħala persuni b'diżabilità.

Il-**Viċi Sindku Xandu Mallia** enfasizza l-importanza li dawn iż-żoni jkunu **monitorjati permezz ta' cameras tas-CCTV** sabiex jissaħħaħ l-infurzar tar-regolamenti.

Il-Kunsillier **Jurgen Abela** rrefera għal żoni fejn l-annimali domestiċi ma jkunux permessi, u s-**Sindku** ċċara li din ir-referenza tapplika biss għal **żoni speċifiċi li jistgħu eventwalment jiġu ddeżinjati bħala żoni ta' aċċess projbit għall-klieb**.

Il-Kunsill **awtorizza** lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat dawn ir-Regolamenti lill-**Ministeru rilevanti għall-verifika u l-approvazzjoni meħtieġa skont il-liġi**, qabel il-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern u d-dħul fis-seħħ.

**24.7 Mozzjoni Numru 23 dwar l-approvazzjoni tal-Abbozz tar-Regolament dwar l-Użu tas-Sala tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (Użu u Ħlasijiet).**

**Il-Kunsilliera Doris Zammit** qrat Mozzjoni Numru 23 dwar l-approvazzjoni tal-**Abbozz tar-Regolament dwar l-Użu tas-Sala tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (Użu u Ħlasijiet).**

Peress li t-test sħiħ tal-Abbozz tar-Regolament (bye-law) ma kienx ġie ċċirkolat qabel il-laqgħa, ġie deċiż li l-Abbozz jiġi ċċirkolat lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa li jmiss, u li l-approvazzjoni finali ssir waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, suġġett għall-approvazzjoni tal-Abbozz sħiħ li se jiġi ċċirkolat.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** irrimarka li għandu jkun hemm ħlas ta' depożitu biex ikopri kwalunkwe ħsara li tista' sseħħ. Ġie kjarifikat li, kif speċifikat fl-Abbozz li ser jiġi ċċirkolat, id-depożitu japplika għal kull tip ta' użu tas-Sala, filwaqt li l-eżenzjonijiet japplikaw biss għat-tariffi tal-użu tas-Sala, partikolarment favur organizzazzjonijiet lokali u NGOs.

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Ralph Puli, suġġett għall-approvazzjoni tal-Abbozz sħiħ li se jiġi ċċirkolat qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**24.8 Mozzjoni Numru 22 Sotto-Kumitat għal Markings tat-Toroq, Traffic-Calming u Parkeġġ.**

**Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis** resqet Mozzjoni Nru 22 dwar it-twaqqif ta' Sotto-Kumitat għal sinjali tat-Toroq, Traffic-Calming u Parkeġġ, mozzjoni li ġiet ċċirkolata lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill approva li s-Sotto-Kumitat jikkonsisti minn żewġ (2) Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv, u jaġixxi skont kriterji operattivi inkluż sigurtà tat-traffiku, impatt fuq ir-residenti, konsistenza ma' deċiżjonijiet preċedenti, u riżorsi disponibbli.

Il-Kunsill stabbilixxa li s-Sotto-Kumitat jipprepara rakkomandazzjonijiet bil-miktub għall-approvazzjoni tal-Kunsill, u kull riżoluzzjoni approvata tkun vincolanti għall-amministrazzjoni.

**24.9 – Mozzjoni Nru 24 Twaqqif ta' Sotto-Kumitat għall-Ġestjoni tat-Traffiku u l-Manutenzjoni tat-Toroq.**

**Il-Kunsillier Alessio De Carlo** ressaq mozzjoni dwar it-twaqqif ta' Sotto-Kumitat għall-Ġestjoni tat-Traffiku u l-Manutenzjoni tat-Toroq.

Il-Kunsill approva li s-Sotto-Kumitat jikkonsisti minn kunsillieri responsabbli minn Transport Pubbliku, Infurzar fit-Toroq u Infrastruttura, u, skont l-esigenzi tas-Sotto-Kumitat, jistgħu jinstiednu residenti minn diversi żoni ta' Ħal Qormi biex jipparteċipaw fid-diskussjonijiet.

Il-Sotto-Kumitat se jaġixxi biex jirrevedi d-direzzjoni tat-traffiku, jidentifika rotot u miżuri alternattivi, jeżamina parkeġġ, jikkoordina mal-awtoritajiet kompetenti, u jorganizza konsultazzjonijiet mar-residenti u n-negozji, filwaqt li jfassal pjan fit-tul għall-ġestjoni tat-traffiku.

Il-Kunsill qabel li s-Sotto-Kumitat se jipprovdi soluzzjonijiet strutturati u strateġiċi għall-ġestjoni tat-traffiku b'benefiċċju dirett għar-residenti.

**24.10 Diskussjoni fuq Mozzjonijiet 22 u 24**

Il-Kunsill iddiskuta l-bżonn li tiġi ċċarata l-awtorità tal-kunsilliera li jemendaw jew jirrevedu rizoluzzjonijiet ppreżentati mis-Sotto-Kumitat u approvati waqt laqgħa tal-Kunsill. Ġie maqbul li l-Kunsill għandu jirriserva d-dritt li jitlob lis-Sotto-Kumitat sabiex jemenda jew jirrevedi kwalunkwe riżoluzzjoni li tkun ġiet approvata mill-Kunsill, u ġie ċċarat li s-Sotto-Kumitat m'għandux poteri eżekuttivi li jissuperaw dawk tal-Kunsill.

Barra minn hekk, ġie deċiż li l-mozzjoni ippreżentata mill-Kunsillier Alessio De Carlo tiġi amalgamata f'mozzjoni ġdida li tgħaqqad il-mozzjonijiet 22 u 24, sabiex tirrifletti b'mod komprensiv id-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet meħuda fil-paragrafu preċedenti.

**24.11 Kuntratt ma' Tomatiq għall-Transport Intern ġewwa Ħal Qormi**

Il-Kunsill kien infurmat li l-kuntratt ma' Tomatiq, li se jipprovdi servizz ta' trasport pubbliku lir-residenti ta' Ħal Qormi fil-konfini tal-lokalità, issa **ġie ffirmat mis-Sindku, Dr Josef Masini Vento.**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa jekk kienx hemm xi rispons dwar is-servizz sa issa, u l-**Kunsilliera Elke Cassar Sghendo** wieġbet li f'din il-fażi l-proġett għadu fil-bidu u għadu ma ġiex implimentat formalment.

**24.12 Proġett ta' zona ta' rikreazzjoni wara - roundabout tal-Vittmi tal-Gwerra**

**Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, spjega li għal dan il-proġett hemm pjan li jitwettaq mid-dipartiment tal-Housing f'kollaborazzjoni ma' Bulletproof. Il-konferma ghada qiegħda tiġi mitluba mil awtoritajiet konċernati.

**Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghengo** staqsiet dwar il-ħinijiet ta' implimentazzjoni, u s-Sindku kkonferma li qed isir xogħol biex jinkisbu dawn il-ħinijiet.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa dwar l-ispejjeż ta' manutenzjoni fuq il-proġetti l-ġodda u ssuġġerixxa li dawn għandhom ikunu preparati.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** suġġeriet li, sakemm ma tingħatax skeda ċara tal-proġett sa tmiem Frar 2026, il-Kunsill għandu jkompli mal-pjan li kien qed jiġi ppreparat qabel ma l-opzjoni tad Dipartiment tal-Housing reġġet tfaċċat

Qamet diskussjoni dwar proġett relatat mal-passaġġ bejn il-Hockey Club u Nylon Knitting, fejn diġà twettqu xi xogħlijiet minn Infrastructure Malta. Dan il-proġett kien oriġinarjament ippjanat bħala parti mill-framework agreement mal-Public Works; għaldaqstant, hemm il-bżonn li jiġi kkjarifikat min wettaq dawn ix-xogħlijiet u jekk kinux parti minn dan il-framework agreement jew le. Għal dan il-għan, il-perit tal-Public Works għandu jiġi kkuntattjat sabiex tingħata kjarifika.

**24.13 Xoghlijiet ta asfaltar fi Pjazza Narbona**

**Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, informa lill-kunsilliera li x-xogħlijiet ta' asfaltar fi Pjazza Narbona kienu tlestew, li saret konferenza stampa mill-Onorevoli Omar Farrugia, u li l-linji tal-parkeġġ kienu mistennija jitlestew; madankollu, dawn ġew posposti minħabba l-maltemp.

**24.14 – Kuntratt mal-Baned ta' Ħal Qormi**

Ġiet iċċirkolata verżjoni riveduta tal-kuntratt, li tinkludi l-emendi proposti minn Fiona Borg Lewis. **Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, informa lill-kunsilliera li sakemm ma titressaq l-ebda oġġezzjoni, il-kuntratt mistenni jiġi ffirmat sal-aħħar tax-xahar.

**24.15 Ħaddiema tal-Kunsill**

- Il-Kunsill ġie infurmat li l-proċess tal-intervisti għall-pożizzjonijiet klerikali fi Skala 15 beda u li l-intervisti huma skedati. Huwa mistenni li l-vakanzi kkonċernati jimtlew fil-ġimgħat li ġejjin.
- Ġie rrappurtat li l-proċess ta' reklutaġġ jinsab għaddej għal impjieg part-time fi Skala 17 bħala persuna responsabbli mit-tindif tal-Kunsill.
- Ġie nnutat li beda l-proċess ta' reklutaġġ għal vakanza fi Skala 12. Se tiġi ċċirkolata komunikazzjoni interna lill-kunsillieri fil-jiem li ġejjin.
- Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu wkoll jikkunsidra r-reklutaġġ ta' żewġ ħaddiema addizzjonali fi Skala 17 biex iwettqu xogħlijiet esterni u kwalunkwe xogħol ieħor li jkun meħtieġ.

**24.16 Kummenti Oħra**

**24.16.1 Kumitat għall-Attivitajiet**

- Ġie maħtur Kumitat għall-Attivitajiet bil-għan li jkun hemm aktar koordinament u li x-xogħol jitqassam aħjar.

**24.16.2 Attivitajiet**

- Reġgħu bdew il-laqgħat tal-Ħamis, li qed tikkoordinahom il-Kunsilliera Doris Zammit.

- Fit-13 ta' Frar se jsir festin tal-Karnival fil-Ġnien l-Armier. Se jkun hemm ukoll kompetizzjoni għat-tfal għall-aħjar kostum magħmul bl-idejn jew b'materjal riċiklat.
- Bdew il-preparamenti għall-programm Bonġu Malta, li se jsir ġewwa Ħal Qormi fl-1 ta' Marzu 2026.

**24.16.3 Laqgħat Amministrattivi**

- Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi Sindku ltaqgħu mal-Community Police, fejn sar aġġornament dwar ċerti problemi eżistenti sabiex isir sforz biex jinstabu soluzzjonijiet. Dawn il-laqgħat isiru darba fix-xahar.
- Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Simon Mifsud kellhom laqgħat mas-Sur Duncan Hall mid-Dipartiment tat-Tindif, kif ukoll mal-President tar-Reġjun u mal-maniġer inkarigat mill-ġbir tal-iskart. Ġew diskussi diversi punti bil-għan li jitjiebu ż-żewġ servizzi għall-benefiċċju tar-residenti ta' Ħal Qormi.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** offra aġġornament dwar xi diskussjonijiet li saru f'dawn il-laqgħat, li għalihom kien preżenti.

**Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo** kkumentat li din il-laqgħa ġiet ukoll rrapurtata mir-Reġjun waqt laqgħa oħra, u ġie rrappurtat li kienet laqgħa pożittiva.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** irreferiet għal każi fejn il-kollettur tal-iskart ma kienx qed jiġbor l-iskart li jinħareġ wara li n-nies tal-kollettur jkunu għaddew preparaw 'piling' għall-ġbir.

**24.16.4 Talba għall-Użu tas-Sala tal-kunsill.**

Il-Kunsill approva l-użu tas-sala għal sessjonijiet ta' Chair Pilates kull ġimgħa, wara li l-mozzjoni u l-byleaw dwar l-użu tas Sala u l-ħlasijiet jidħlu fis-seħħ. Is-sessjonijiet se jkunu ġestiti mis-Sur Giancarlo Vella.

**24.16.5 Kommunikazzjoni mill-President tal-Għaqda tan-Nar 23 ta' April**

Il-Kunsill irċieva komunikazzjoni mis-Sur Jason Busuttil, il-President tal-Għaqda tan-Nar 23 ta' April, li l-2026 se timmarka l-100 anniversarju tal-Għaqda tal-Piroteknija ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Dan il-mument storiku se jiġi mfakkar permezz ta' diversi proġetti u attivitajiet kulturali f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, b'għan li jiġi ċċelebrat u mħares dan il-wirt storiku u pirotekniku.

**Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento**, żied li hemm xi riċevuti li għadhom ma ntbagħtux mill-istess Għaqda dwar l-ispejjes tal-logħob tan-nar li jmorru lura sa tliet snin, u talab li dawn jiġu mħallsa wara li jiġu verifikati u kkonfermati bħala korretti.

**24.17 Kummenti tal-Kunsilliera**

**24.17.1 Elke Cassar Sghendo**

**Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-Kunsill li rċeviet rapport dwar ammont ta' tajn fejn qed isiru xogħlijiet fi Ġnien Federico Maempel.

**Regjun ta' nofs in-naħar**. Se jsiru aktar inspezzjonijiet fuq il-ġbir tal-iskart kif issemma diga. Se jigi organizzat kwizz għall-iskejjel; dettalji mistennija fi Frar 2026. Saret laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun fid-19 ta' Jannar 2026. Infurmat ukoll li ser ikun hemm Ħaddiema provduti mir-Reġjun sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet tar-Reġjun.

**Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo** staqsiet ukoll dwwar l-iSkema It-Tfal Tagħna – sabiex jiġi ċċekkjat kienx hemm progress.

Sar kumment dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq Dun René Cilia, u sar qbil li din għandha tingħata prijorità mis-sotto-Kumitat li ser jinħatar fuq l-imaniġjar tat-traffiku.

**24.17.2 Jurgen Abela**

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** fakkar li għandha ssir laqgħa fuq il-post quddiem il-Bottega sabiex jiġi investigat kif jista' jiġi provdut aktar spazju għall-parkeġġ.

Huwa fakkar ukoll li x-xogħlijiet ta' żebgħa fit-Triq Santa Katerina, relatati mal-proġett tal-Mużew tas-Subien, għadhom pendenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dawn ix-xogħlijiet huma skedati iżda kien hemm dewmien għal diversi raġunijiet. Huwa mistenni li jitwettqu fil-ġimgħat li ġejjin.

**24.17.3 Fiona Borg Lewis**

**Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis** staqsiet dwar il-garage ħdejn iċ-Ċimiterju, li ilu mimli skart u hu periklu għas-saħħa, kif ukoll dwar ir-rapport dwar il-ġrieden.

Il-Viċi Sindku Xanddru Mallia kkummenta li rapport sar u li l-każ qiegħed f'idejn il-Pulizija. Ġie deċiż li tintbagħat email lill-Prof. Charmaine Gauci fuq dan il-każ.

**Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis** staqsiet ukoll dwar il-maniġjar tat-traffiku fiż-żona ta' Triq il-Kaccatur. Ghandu jkun hemm konferma fuq dan il-progett.

Ġie rrimarkat li hemm bżonn aġġornament dwar il-UIF funds. Il-Perita tal-Kunsilliera ser taġġornana dwar il-proġetti li jinsabu mal-Planning Authority. Ġie innotat ukoll il-proġett ta' Ġnien l-Armier, li għalih trid issir applikazzjoni.

**Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis** ħabbret li ġew allokati €90,000 fondi għall-proġett fin-naħa ta' Farsina, li jinkludi ġnien u dog park.

**24.17.4 Ralph Puli**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** kkummenta li toroq bħall-Triq Amleto Spiiteri qed isiru xogħlijiet mill-Enemalta, u li x-xogħol li qed isir qed iħalli t-toroq fi stat diżastruż. Huwa irrefera għal każ fil-passat fejn il-Water Services Corporation u l-Enemalta ġew mizmuma responsabbli għax-xogħlijiet ħżiena fit-toroq fejn sar asfaltar.

Ġie deċiż li tintbagħat ittra formali u legali lis-żewġ entitajiet sabiex il-Kunsill jagħmel ċar li ser iżomm l-entitajiet responsabbli għad-danni u jipproċedi legalment jekk ikun hemm bżonn.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issuggerixxa li tiġi żviluppata policy dwar il-cat shelters u dwar kif jiġu ġestiti mill-cat feeders.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ikkumenta li allegatament ħarġet informazzjoni ħażina mill-Kunsill dwar ir-responsabbiltà tal-bins tal-klieb. Huwa xtaq konferma li dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Cleansing Department, u li dan huwa parti mix-xogħol tal-Kunsill u mhux tar-Reġjun. Il-Kunsillier ressaq dan il-punt biex jiġi assigurat li tingħata informazzjoni korretta u tajba lill-pubbliku.

Ġie mressaq il-każ ta’ Judith Attard, li kienet resqet ilment mal-Ombudsman dwar xogħlijiet li saru fil-bidu ta’ 2025 u li kkawżaw problema ta’ aċċess għal proprjetà privata tagħha. Qiegħed jintalbu l-ispejjes legali mingħand il-Kunsill. Wara diskussjoni, ġie deċiż  li din ir-rikjesta ma tiġix aċċettata ghaliex il-Kunsill approva biss il-permess ta Transport Malta.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issuġġerixxa li meta l-Kunsill joħroġ No Objection, dan għandu jinkludi disclaimer li jkun standard mal-No Objection, wara li jkun ikkonsultat l-Avukat tal-Kunsill dwar il-kliem li għandu jiġi miżjud fil-No Objection.

**24.17.5 Marvin Zammit**

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab aġġornament dwar ir-rapport finanzjarju. Ġie diskuss li hemm ħafna trufijiet li għandhom bżonn jiġu solvuti kemm jista' jkun malajr.

Sar kumment dwar it-tender tal-perit li għadu pendenti, li għandu jigi konkluż u ffirmat. Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis staqsiet għaliex it-tender kien differenti minn tenders oħra. Ġie rrikonoxxut li għandu jkun hemm aġġornament dwar dan it-tender sabiex dan jigi ffirmat jekk ma jkun hemm l-ebda problema.

Ġie rreferut mill-ġdid il-punt dwar il-disclaimer fil-No Objection, fejn ġie enfasizzat li, jekk isiru xogħlijiet anki fuq proprjetà privata, il-kuntrattur għandu jkun miżmum responsabbli.

**24.17.5 Doris Zammit**

**Il-Kunsilliera Doris Zammit** kkummentat li, wara l-attivitajiet tal-Karnival u l-programm Bongu Malta, l-edizzjoni li jmiss tal-**Premju INT** se ssir fid-9 ta' April 2026 ġewwa l-Palazz ta' Sant' Anton, fejn ġiet allokata s-Sala Antonine de Paul.

Saret rimarka dwar il-Blue Badge fi Pjazza Narbona, u li din għada trid tiġi implimentata kif kienet qabel.

Il-Kunsilliera talbet aġġornament dwar il-proġett tal-Mithna; ix-xogħlijiet għandhom jibdew dalwaqt peress li l-permessi diġà ħarġu.

Sar kumment dwar it-traffiku u l-traffic lights fil-viċinanza tal-Mithna.

**Il-Kunsilliera Doris Zammit** ikkumentat dwar ħofra fit-Triq il-Haddied; ġie maqbul li jsir spezzjoni fuq il-post.

**Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo** aġġornat lill-Kunsill li Triq il-Wied, quddiem ir-Razzet l-Antik, għandha bżonn li ssir mill-ġdid.

Ikkonfermat ukoll li t-Tender tal-Perit ġie approvat mid-DLG.

Hija kkonfermat ukoll li x-xogħlijiet tat-toroq relatati mad-drenaġġ għandhom garanzija mill-TM (Transport Malta).

**Il-Kunsilliera Doris Zammit** issuggeriet li ssir attività ta' Team Building bejn l-istaff tal-Kunsill u l-Kunsilliera sabiex titjieb il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-kunsilliera u l-amministrazzjoni.

Konfermati llum, it-Tnejn 23 ta' Frar 2026.

Josef Masini Vento (Dr) — Robert Mizzi

Sindku — Segretarju Eżekuttiv